MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 486/2000

**Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**

**vs**

**Omissis**
**Jeremy James Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati omissis u Jeremy James Farrugia ta’ 15-il sena, bin Emanuel u Catherine nee’ Saydon, mwielda Pieta’ fil-11 ta’ Novembru 1984 u residenti 2, Triq Santa Marija, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 558384(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fl-20 ta’ Mejju 2000, u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’ Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’ qerq, jew akkwistati b’ reat sew jekk

dan sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Jeremy James Farrugia <u>wahdu akkuzat talli</u>:

F’Birkirkara fis-26 ta’ Frar, 2000 ghall-habta ta’ bejn 3.15 u 4.45 ta’ filghaxija ikkommetta serq ta’ deheb mill-fond Blokk J, Flat 2, Laqxija Housing Estate, Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Bartolo.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fil-bieb u aperturi tal-fond fuq imsemmi liema hsara komplessivament tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma taccedix l-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment tal-istess Joseph Bartolo u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Sar recidiv bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta’ Novembru, 1999, liema sentenza saret definittiva w ma’ tistax tigi mibdula.

Akkuzat talli huwa kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza tal-Qorti tal-Minorenni datata 28 ta’ Gunju 1999 fejn kien misjub hati ta’ reat u lliberat that kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor u li jkn taht is-supervizjoni ta’ Probation Officer Mariella Camilleri ghal zmien sena.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Lulju 2000 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat Jeremy James Farrugia waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2000 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2009 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-eta' zghira tal-imputat stante li kien ghad kellu hmistax (15) -il sena fiz-zmien li kkommetta r-reat u jidrilha li ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334, 261, 263, 267, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' tlett mitt ewro (€300) u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggieh taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millun u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, Jeremy James Farrugia ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghanduh/a j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

3. Jeremy James Farrugia ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b' kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------